

L-Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv għat-taħriġ vokazzjonali (ACVT)
indirizzata lill-Kummissjoni Ewropea dwar
Viżjoni Komuni għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi u Tagħlim Ibbażat fuq ix-Xogħol.
It-2 ta' Diċembru 2016

1) INTRODUZZJONI

L-apprendistati u forom oħra ta' tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol (WBL) jagħtu spinta lill-impjegi u liċ-ċittadinanza attiva; itejbu l-impjegabbiltà u l-prospetti ta' impjieg ta' persuna permezz tal-akkwiżizzjoni ta' ħiliet u kompetenzi li huma meħtieġa fis-swieq tax-xogħol u jappoġġjaw l-iżvilupp personali. L-Istati Membri b'sistemi ta' apprendistat żviluppali li huma parti mill-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u li huma msaħħa minn fatturi ta' sostenn bħal nisġa ekonomika u industrijali b'saħħitha, u strutturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u tas-suq tax-xogħol ikkoordinati, is-soltu huma kkaratterizzati minn livelli baxxi ta' qgħad fost iż-żgħażaġh u kompetittività ekonomika għolja. Responsabbiltà komuni hija element essenzjali tal-apprendistat u tat-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol (WBL).

Fl-2012 il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni biex tiġi stabbilita Garanzija għaż-Żgħażaġh¹, biex jiżgura li iż-żgħażaġh kollha sal-età ta' 25 sena jirċievu offerta ta' kwalità għal impjieg, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew traineeship fi żmien erba' xhur minn meta jieqfu mill-edukazzjoni formali jew isibu ruħhom bla xogħol. Kif innota l-President Juncker fid-diskors tiegħu tal-2016 dwar l-Istat tal-Unjoni, 9 miljun żagħżuġh u żagħżuġha issa rċevew offerta li tinvolvi wieħed minn dawn l-erba' elementi. Barra minn hekk, l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ (YEI), riżorsa finanzjarja ta' EUR 6.4 biljuni, ipprovdiet għall-ewwel darba appoġġ immirat dirett għaż-żgħażaġh barra mill-impjieg, edukazzjoni jew taħriġ (NEETs) li jgħixu f'reġjuni fejn hemm rati għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażaġh.

F'Lulju 2013 tnediet l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati (EaFA) li permezz tagħha l-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri u s-Sħab Soċjali Ewropej ħadu impenn biex itejbu l-kwalità, il-provvista u l-attrattività tal-apprendistati. L-EFTA u l-Pajjiżi kandidati ukoll issieħbu mal-inizjattiva. Dawn l-azzjonijiet miftiehma, flimkien ma' kundizzjonijiet makroekonomiċi u riformi strutturali mtejba, ikkontribwew biex il-qgħad fost iż-żgħażaġh tal-UE jonqos b'1.4 miljun mit-tnedija tal-YEI².

F'Mejju 2016, is-Sħab Soċjali Ewropej temmew il-proġetti rispettivi tagħhom dwar proposta għal qafas Ewropew ta' kwalità għall-apprendistati³ u dwar il-kosteffettività tal-iskemi ta' apprendistat⁴ u qablu dwar dikjarazzjoni Konġunta "Lejn Viżjoni Komuni tal-Apprendistati"⁵. Id-dikjarazzjoni Konġunta ssejjaħ għall-opinjoni tripartitika ta' impjegaturi, trade unions u Stati Membri, biex trawwem apprendistati ta' kwalità u kosteffettivi fl-Ewropa. Din tinfluwenza l-passi li jmiss għall-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tar-riżultat ta' żmien medju ta' Riga 2015 dwar il-promozzjoni tat-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol, b'attenzjoni speċjali lill-apprendistati⁶.

L-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa⁷ li tnediet mill-Kummissjoni Ewropea fl-10 ta' Ġunju għandha l-għan li tiżgura li l-persuni jiżviluppaw sett wiesa' ta' ħiliet f'fażi bikrija tal-ħajja u matul ħajjithom kollha u b'hekk itejbu l-prospetti tagħhom għall-impjegabbiltà, parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà, iżidu l-kompetittività u jrawmu t-ktabbir. Kif enfasizzat fl-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet, apprendistati li jaħdmu sew u forom oħra ta' tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol billi jtejbu l-impjegabbiltà tal-istudenti u jfornu hom bil-ħiliet meħtieġa għas-suq tax-xogħol. L-apprendistati jipprovdu benefiċċji wkoll għall-kumpaniji u għas-soċjetà in general.

¹ [http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:32013H0426\(01\)&from=MT](http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:32013H0426(01)&from=MT)

² [Komunikazzjoni: Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ tliet snin wara, COM \(2016\), <http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=16236&langId=en>](http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=16236&langId=en)

³ <https://www.etuc.org/publications/european-quality-framework-apprenticeships#V8ku3-nynor>

⁴ <https://www.business-europe.eu/publications/cost-effectiveness-apprenticeship-schemes-making-case-apprenticeships>

⁵ https://www.business-europe.eu/sites/buseur/files/media/position_papers/social/apprenticeship_joint_statement_30may.pdf

⁶ http://ec.europa.eu/education/policy/vocational-policy/doc/2015-riga-conclusions_en.pdf

⁷ <http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=15621&langId=en>

Fil-14 ta' Settembru ġiet ippubblikata l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE li kienet tinkludi proposta biex jiġi allokat EUR 1 biljun addizzjonali lill-YEI bejn l-2017 u l-2020. Fil-laqgħa tagħhom tas-16 ta' Settembru, 27 Kap tal-Istat u tal-Gvern tal-UE ddiskutew ukoll il-ħtieġa għal azzjonijiet ulterjuri biex inaqqsu l-qgħad fost iż-żgħażaġh u din il-kwistjoni ttrattawha mill-ġdid fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016.

Fil-25 t'Ottubru 2016 il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2017, li jibni fuq l-Aġenda għall-Ħiliet billi jiddeskrivi inizjattivi li huma mmirati biex jindirizzaw il-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni; it-titjib tal-kwalità tal-apprendistati, li jinkludi proposta għal qafas ta' kwalità għall-apprendistati; l-iżvilupp ulterjuri tal-mobbiltà tal-apprendisti; u t-traċċar tal-progress taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol wara li jkun lestew taħriġ akkademiku jew vokazzjonali.

Minħabba dawn l-iżviluppi, din l-Opinjoni għandha tgħin biex issawwar il-politiki u l-azzjonijiet tal-UE u dawk nazzjonali għall-iżvilupp u t-tiħiħ ulterjuri tal-forniment, il-kwalità u l-effettività tal-apprendistati fl-Ewropa kollha.

2) OBIETTIVI

It-titjib tar-riformi u tal-implimentazzjoni għal apprendistati ta' kwalità u effettivi u taġħlim ibbażat fuq ix-xogħol.

Waq t li jiġu rikonoxxuti l-isforzi li saru mill-gvernijiet, mis-sħab soċjali u minn partijiet interessati oħrajn, għad hemm bżonn li r-riformi jittejbu, u li jżied ir-ritmu li biħ jiwasslu **apprendistati** ta' kwalità u effettivi. Il-forniment u l-kwalità tal-apprendistati għadhom ta' spiss insuffiċjenti, u l-ETV u l-apprendistat ta' spiss jiġu meqjusa miż-żgħażaġh, mill-ġenituri taġħhom u mis-soċjetà in ġenerali bħala t-tieni għażla. Jeħtieġ li jsiru wkoll żviluppi ulterjuri bħala preparazzjoni għal strateġija Ewropea ġdida dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ u għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss wara l-2020.

It-titjib tal-koordinazzjoni tal-azzjonijiet varji tal-partijiet interessati u l-appoġġ għalihom

Filwaqt li wieħed jirrikonoxxi l-isforzi li saru permezz tal-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati u l-varjetà ta' inizjattivi u azzjonijiet f'livell lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropew, u internazzjonali, kif ukoll fi ħdan is-setturi, għad hemm bżonn urġenti li jissaħħu l-kondiviżjoni tal-għarfien, in-netwerking u l-kooperazzjoni, li jinkludu t-titjib fit-trasparenza tal-kwalità u l-forniment ta' offerti ta' apprendistati.

3) VIŻJONI KOMUNI

Din l-Opinjoni tenfasizza oqsma għal azzjoni ulterjuri għall-ksib ta' *Viżjoni Komuni għal Apprendistati u għal Taġħlim Imsejjes fuq ix-Xogħol ta' Kwalità u Effettivi*.

L-ACVT jistieden lill-Kummissjoni taġħti proposta dwar l-attivajiet li ġejjin:

- i. Segwitu dwar l-intenzjoni taġħha li taġħmel proposta dwar Qafas ta' Kwalità għall-Apprendistati kif imħabbar fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2017 filwaqt li titqies din l-opinjoni.
- ii. Fuq il-bażi ta' evidenza u riċerka⁸, l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati għandha tiġi żviluppata ulterjorment, u l-isfidi bħall-involvement ta' min iħaddem u l-kosteffettività, id-diġitalizzazzjoni, l-integrazzjoni tal-migranti, l-innovazzjoni, l-intraprenditorija u ETV oġħla għandhom jiġu indirizzati skont ir-rilevanza taġħhom⁹.
- iii. Għandu jiġi żviluppat sett ta' servizzi ta' appoġġ għall-kondiviżjoni tal-għarfien¹⁰, in-netwerking u l-kooperazzjoni biex ikunu ta' assistenza fejn hemm bżonn ir-riformi fl-

⁸ B'mod partikolari l-istudju tal-KE dwar l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati - Valutazzjoni tal-progress u l-ippjanar tal-futur, u l-istudji taċ-Cedefop dwar l-apprendistat (Ħarsa ġenerali madwar il-pajjiżi tal-apprendistati fl-Ewropa, evalwazzjonijiet tematiċi skont il-pajjiżi dwar l-apprendistati, il-Governanza u l-Finanzjament tal-apprendistati, eċċ; ara wkoll <http://www.cedefop.europa.eu/en/events-and-projects/projects/apprenticeships-work-based-learning>)

⁹ Segwitu għall-konklużjonijiet ta' Riga u għar-rakkomandazzjonijiet ta' "Studju dwar Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali ta' livell għoli fl-UE", COM 2016; <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=en&pubId=7893&type=2&furtherPubs=yes>

¹⁰ L-inklużjoni ta' appoġġ għall-użu effettiv ta' għodod eżistenti, (eż. Digital toolbox, ILO toolbox, WBL Toolkit)

apprendistat u fit-Tagħlim Imsejjes fuq ix-Xogħol fuq livell nazzjonali, li jinkludi l-faċilitazzjoni ta' pariri minn esperti, tagħlim komparattiv¹¹, ir-raggruppament u l-kooperazzjoni bejn pajjiżi, sħab soċjali u partijiet interessati oħrajn skont l-oqfsa eżistenti tal-politika tal-UE u l-Konklużjonijiet ta' Riga. Żjarat fil-pajjiż minn esperti pari jistgħu jiġu organizzati flimkien ma' dawn l-attivitajiet.

- iv. Segwitu dwar ir-riformi fl-apprendistat u fit-Tagħlim Imsejjes fuq ix-Xogħol u l-iżgurar ta' rabta mill-qrib bejn l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati u inizjattivi Ewropej relatati bħall-Konklużjonijiet ta' Riga, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, l-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ, u inizjattivi rilevanti oħrajn inklużi fl-Aġenda għall-Ħiliet tal-UE.
- v. Żieda fl-attrattività u l-immaġini tal-ETV u l-apprendistati billi jiġu kuncettwalizzati apprendistati ta' kwalità għolja u jiġu promossi l-benefiċċji tagħhom għall-istudenti, l-intrapriżi u s-soċjetà, permezz ta' inizjattivi regolari li jimmobilizzaw il-partijiet interessati rilevanti kollha fil-livelli tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali (eż. il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali).
- vi. Tisħiħ tal-kooperazzjoni b'rabta mal-politiki u l-azzjonijiet dwar l-apprendistati bejn l-istituzzjonijiet u l-aġenziji Ewropej (is-Cedefop u l-ETF), ma' organizzazzjonijiet u netwerks internazzjonali (eż. l-UNESCO, l-OECD, l-ILO, Euroskills/Worldskills, il-Bank Dinji, il-Global Apprenticeships Network).
- vii. Esplorazzjoni tal-possibbiltà ta' appoġġ iffinanzjat mill-UE għal programmi ta' skambju għall-apprendistati/it-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol ma' pajjiżi terzi.

L-Istati Membri u s-Sħab Soċjali għandhom jaħdmu ulterjorment fuq il-kwistjonijiet li ġejjin:

- viii. Il-mobilizzazzjoni tal-atturi għal azzjonijiet konkreti fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Dan jinkludi li jiġi ffaċilitat it-twaqqif ta' "**Sħubiji Nazzjonali għall-Apprendistat u t-Tagħlim Imsejjes fuq ix-Xogħol**" abbażi tad-domanda, li jinvolvi lil kull min jieħu d-deċiżjonijiet u li huma rilevanti mill-ministeri, sħab soċjali, fornituri ta' edukazzjoni u taħriġ, korpi intermedjarji (kmamar tal-kummerċ u l-industrija u kmamar tal-artiġġjanat, organizzazzjonijiet professjonali u settorjali), u partijiet interessati oħrajn.
- ix. Isir progress ulterjuri fit-twaqqif ta' **qafas** xieraq, li permezz tiegħu r-responsabbiltajiet, id-drittijiet u l-obbligi ta' kull parti involuta jiġu fformulati b'mod ċar u jkunu infurzabbli, inkluż l-involvement attiv ta' sħab soċjali¹². Jiġi appoġġjat it-twaqqif ta' **perkorsi permeabbli**, li jinkludu r-rikonoxximent tal-kwalifiki, bejn setturi edukattivi, u b'mod partikolari għall-apprendisti fil-livell sekondarju għoli biex ikompli l-kwalifiki tagħhom fil-livell terzjarju.
- x. Il-forniment ta' strutturi u miżuri xierqa ta' appoġġ, kemm finanzjarji kif ukoll mhux finanzjarji, u fejn xieraq, approċċ ta' qsim tal-ispejjeż bejn intrapriżi u awtoritajiet pubbliċi, għall-involvement ta' kumpaniji, u b'mod partikolari ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), fil-forniment ta' apprendistati ta' kwalità u effettivi.
- xi. It-trawwim tal-iżvilupp ta' sħubiji bejn u ma' sħab soċjali u partijiet interessati rilevanti oħrajn biex jiġi żgurat djalogu strutturat u kontinwu u governanza trasparenti dwar id-disinn, il-garanzija tal-kwalità, l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni tal-apprendistati u tat-Tagħlim Imsejjes fuq ix-Xogħol, skont il-qafas nazzjonali.
- xii. Il-mobilizzazzjoni tas-setturi bl-involvement tas-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-settur skont il-prijoritajiet nazzjonali.
- xiii. Titjib fil-kwalità tat-tagħlim fl-ETV u tat-taħriġ fil-kumpaniji (u kooperazzjoni bejn dawn).
- xiv. Tiġi inkluża l-possibbiltà għall-mobbiltà tal-istudent bħala parti minn programmi ta' apprendistat bl-għan li jintlaħqu livelli ogħla ta' mobbiltà tal-apprendisti madwar l-Ewropa li tkun ikkomplementata minn appoġġ finanzjarju u mhux finanzjarju.

¹¹ http://www.pesboard.eu/EN/pesboard/Benchlearning/benchlearning_node.html

¹² Kif miftiehem fid-Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati, ara http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/lisa/139011.pdf

- xv. Tittejjeb il-gwida dwar il-karrieri u jiġu promossi skemi ta' apprendistat permezz ta' sensibilizzazzjoni mmirata lejn iż-żgħażaġġ, il-ġenituri tagħhom, studenti adulti, fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, impjegaturi u servizzi pubbliċi tal-impjieg, inklużi l-benefiċċji ta' apprendistati għal min iħaddem u għall-istudenti.
- xvi. Żvilupp ulterjuri tal-elementi dwar l-apprendistati u l-approċċ ta' sħubija kif propost fl-Anness.
- xvii. Id-diskussjoni ma' sħab soċjali settorjali rigward approċċi possibbli biex tissaħħaħ u tiġi diversifikata l-provvista għal medda usa' ta' impjegi, partikolarment dawk is-setturi li kkontribwew għall-proġetti tas-sħab soċjali Ewropej, dawk identifikati fl-Aġenda tal-Ħiliet u dawk li diġà ħadu sehem fil-kunsilli tal-Ħiliet settorjali.

4) SEGWITU

L-ACVT jistieden lill-Presidenza tal-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li jittieħed kont tal-opportunitajiet offruti mill-apprendistati biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġġ meta jiddiskutu politiki dwar l-impjegi taż-żgħażaġġ, inkluża l-YEI matul il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2016.

L-ACVT jistieden ukoll lill-Presidenzi futuri tal-Kunsill biex jimmobilizzaw l-Istati Membri biex iġeddu u jespandu l-impenji tagħhom wara d-dikjarazzjoni tal-Kunsill tal-2013¹³.

¹³ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/lsa/139011.pdf

ANNEX:

Elementi tal-apprendistati u tal-approċċ għas-sħubija

Ibbażati fuq dikjarazzjoni konġunta tat-30 ta' Mejju 2016 tas-sħab soċjali Ewropej, u elementi tad-Dikjarazzjoni tal-Kunsill tal-2013 dwar l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati

ELEMENTI TAL-APPRENDISTATI

1. Sistemi ta' apprendistat jirrekjedu qafas regolatorju ċar u xieraq fuq livell nazzjonali u jiddependu fuq intrapriżi li jkunu jistgħu joħolqu postijiet battala għat-taħriġ (u opportunitajiet għall-impjeg) biex ikunu jistgħu jimpjegaw lill-istudenti.
2. L-apprendistati ta' kwalità mhux biss iżidu l-impjegabbiltà u l-prospetti għal impjeg ta' persuna permezz tal-akkwiżizzjoni ta' ħiliet u kompetenzi meħtieġa fis-suq tax-xogħol, iżda jgħinu wkoll fl-iżvilupp personali u jwasslu għal kwalifika rikonoxxuta.
3. L-apprendistati għandhom jinkludu medda usa' ta' setturi u ta' impjegi. Hemm ħtieġa partikolari biex l-attrattività u l-forniment tal-apprendistati jitwessgħu lil hinn mis-setturi li huma tradizzjonalment assoċjati magħhom. Taħriġ fl-apprendistat għal medda usa' ta' impjegi jgħin ukoll biex jiżdiedu l-impjegabbiltà u l-opportunitajiet tal-impjeg għal kulħadd.
4. L-istatus tal-apprendisti jvarja minn pajjiż għal ieħor u jiġi ddeterminat mil-leġiżlazzjoni u/jew minn sistemi ta' relazzjonijiet industrijali nazzjonali u minn prattiki fl-edukazzjoni u fit-taħriġ. Għal kull apprendistat, il-kuntratt għandu juri biċ-ċar id-drittijiet u l-obbligi ta' min iħaddem u tal-apprendist minn perspettiva tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tat-taħriġ, li jinkludu, fejn xieraq, il-mod kif l-apprendisti huma koperti mill-protezzjoni soċjali.
5. L-apprendist għandu jqatta' parti sostanzjali mill-ħin tat-taħriġ tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Komponent b'saħħtu ta' tagħlim u taħriġ ibbażat fuq ix-xogħol għandu jikkomplementa l-ħiliet speċifiċi tal-impjeg ma' ħiliet aktar wesgħin, trasversali u trasferibbli, li jiżguraw li l-parteċipanti jistgħu jadattaw għal bidla wara li jlestu l-apprendistat.
6. L-apprendisti għandhom jirċievu ħlas jew kumpens skont il-livell applikabbli f'kuntest nazzjonali partikolari, fejn xieraq, skont ir-rekwiżiti minimi nazzjonali jew tas-settur jew skont il-ftehimiet kollettivi. Huwa wkoll neċessarju li jiġi żgurat element xieraq ta' impenn min-naħa tal-apprendisti, li jirrifletti l-benefiċċji li l-apprendistati jgħibulhom f'termini ta' kwalifiki futuri u opportunitajiet ta' impjeg.
7. Huwa importanti li l-apprendistat ikun stabbilit b'mod li jkun kosteffettiv għall-intrapriżi, u jippermetti redditu fuq l-investment, li jinkoraġġixxi u jrawwem il-forniment ta' postijiet ta' apprendistat.
8. Approċċ ta' qsim tal-ispejjeż bejn intrapriżi u awtoritajiet pubbliċi jista' jgħin biex jiżdied il-forniment ta' apprendistati kif ukoll biex jiżgura kundizzjonijiet adegwati għall-apprendisti. F'sistemi ta' apprendistat li jaħdmu sew, l-intrapriżi jirkupraw l-investimenti tagħhom maż-żmien f'termini ta' qbil aħjar ta' ħiliet u permezz tal-attivazzjoni produttiva parzjali tal-istudenti matul it-taħriġ.
9. L-SMEs, li jinkludu l-mikrokumpaniji, huma fornituri importanti ta' postijiet ta' apprendistat. Sabiex jitravwem it-taħriġ tal-apprendistat fl-SMEs, dawn għandhom bżonn servizzi esterni ta' appoġġ adegwati għat-taħriġ, ir-reklutaġġ u l-amministrazzjoni, u b'hekk jista' jkollhom redditi oġhla fuq l-investment.
10. Bl-involvement aktar b'saħħtu tas-sħab soċjali u l-fornituri tal-ETV, is-servizzi tal-pariri u l-konsulenza dwar il-karriera jridu jikkomunikaw aħjar ir-rwol li l-apprendistati jista' jkollhom fit-trawwim tal-impjegabbiltà u fil-progressjoni tal-karriera. Servizzi ta' appoġġ bħal dawn huma meħtieġa wkoll matul l-apprendistat kollu.

11. Għalliema, persuni li jħarrġu u mentors fl-iskejjel u l-intrapriżi għandhom jiġu appoġġati b'mod xieraq u għandhom ikunu jistgħu jaġġornaw il-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom biex iħarrġu lill-apprendisti skont l-aħħar metodi ta' tagħlim u ta' taħriġ u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.
12. Huwa importanti li l-prattika tal-apprendistati tiġi estiża lil hinn mill-ETV sekondarju, ukoll permezz tal-introduzzjoni ta' apprendistati u l-prinċipji tat-tagħlim duwali f'għażliet edukattivi ta' tipi u livelli differenti, b'mod speċjali fl-ETV ta' livell ogħla kif ukoll fl-edukazzjoni universitarja, fejn applikabbli.

L-APPROĊĊ TA' SĦUBIJA

13. Is-sħubiji huma prekundizzjoni għal ETV u apprendistati ta' kwalità li jwasslu għal riżultati ta' tagħlim rilevanti.
14. Sabiex jiġu appoġġjati kemm il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol kif ukoll l-apprendisti, is-sistemi ta' apprendistat għandhom jiġu rregolati b'tali mod li jittieħed kont biżżejjed tal-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol fir-rigward ta' ħiliet.
15. Dan jirrekjedi involviment mill-qrib ta' sħab soċjali, skont is-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali u l-prattiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ, fid-disinn, il-governanza u l-implimentazzjoni tal-iskemi tal-apprendistat.
16. Jirrekjedi wkoll sħubiji ma' partijiet interessati rilevanti oħrajn bħal, fejn xieraq, korpi intermedjarji (kmamar tal-kummerċ u tal-industrija u kmamar tal-artiġġjanat, organizzazzjonijiet professjonali u settorjali), fornituri ta' edukazzjoni u taħriġ, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u studenti, u awtoritajiet lokali, reġjonali kif ukoll nazzjonali.